MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-23 ta' April, 2010

Numru. 528/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Therese Sciberras**

**vs**

**Ryan John Formosa**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Ryan John Formosa ta’ 22 sena, bin Joseph u Dorothy nee’ Gauci, residenti 17, ‘Dar Joe’ Triq il-Ghajn, Swieqi u detentur tal-karta tal-identita’ numru 19581(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Fis-26 ta’ Lulju 2003, ghall-habta tas-6.15a.m, fi Triq il-Kbira, Mellieha, saq vettura Nru. LCG-968 (1) b’manjiera perikoluza (2) traskurata (3) b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni jew b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti habat ma vettura Nru.

DAN-743 u nvolontarjament ikkagunalha hsarat ghad-dannu ta' Anthony Gauci (4) fl-istess incident involontarjament ikkaguna hsarat fl-istess vettura li kien qed isuq ghad-dannu ta' Ivan Calleja (5) u aktar b'nuqqas ta' hsieb bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, kkaguna offizi nvolontarja ta' natura gravi per durata fuq il-persuna ta' Anthony Gauci skond kif iccertikat Dr. Mary Rose Cassar M.D. ta' S.L.M.

Il-Prosekuzzjoni titlob li jigi skwalfikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 14 ta' Dicembru, 2005 (esebit *a folio* 11 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-14 ta' Dicembru, 2005 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Saret it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jirrigwarda ncident awtomobilistiku li sehh fis-26 ta' Lulju 2003 ghall-habta tas-6.15am, fi Triq il-Kbira il-Mellieha. Mill-provi rrizulta li fl-imsemmija data u hin certu Anthony Gauci kien qed jiehu l-petrol f'Santa Marija Petrol Station u huwa kien wieqaf wara l-vettura tieghu bin-numru tar-registrazzjoni DAN 743 bin-nozzle tal-pompa tal-petrol imdahhla fil-vettura meta f'daqqa wahda vann bin-numru tar-registrazzjoni LCG 968 li kien misjuq mill-imputat Ryan Formosa u gej minn faccata tal-vettura ta' Gauci kiser lejn il-lemin sabiex jidhol fil-pompa tal-petrol u meta ghafas il-brejk skiddja u baqa' diehel fil-parti ta' quddiem tal-vettura ta' Gauci li mbaghad bl-impatt resqet

lura u dan tal-ahhar spicca intlaqat bil-parti ta’ wara tal-vettura tieghu stess u waqa’ mal-art. Mill-provi rrizulta li Anthony Gauci sofra griehi ta’ natura gravi per natura u per durata bhala konsegwenza ta’ dan l-incident izda ma jirrizultax li huwa sofra xi debillita’ permanenti. Mill-provi rrizulta wkoll li Anthony Gauci thallas kemm ghall-hsarat li kellu fil-vettura tieghu kif ukoll ghal loss of earnings li sofra bhala konsegwenza tal-incident peress li kellu jaghmel madwar sitt gimghat ma jmurx ghax-xoghol u dan il-hlas sar mill-assikurazzjoni li kienet tkopri l-vann misjuq mill-imputat. Dan kollu gie kkonfermat kemm minn Anthony Gauci nnifsu li xehed fl-udjenza tal-20 ta’ April 2006 (xhieda relattiva nserita a fol. 26 sa 28) kif ukoll mix-xhieda tar-rapprezentant ta’ Atlas Insurance, il-PL Noel Bianco li prezenta d-dokumenti esebiti a fol. 64 et sequitur tal-process. Mix-xhieda ta’ Mario Ellul li xehed fl-udjenzi tal-4 ta’ April 2008 u tat-30 ta’ Mejju 2008 jirrizulta wkoll li l-istess assikurazzjoni hallset ghall-hsarat kagunati fil-vann misjuq mill-imputat liema vann kien propjeta tal-imghallem tieghu Ivan Calleja li wkoll ikkonferma dan il-fatt meta xehed fl-udjenza tat-12 ta’ Ottubru 2006.

Illi mix-xhieda tal-ufficjal tal-Pulizija li nvestiga dan il-kaz, PS 298 Joseph Grima, (traskrizzjoni tax-xhieda relattiva nserita a fol. 17 u 18 tal-process) jirrizulta li l-imputat a tempo vergine kien qal li meta huwa dar sabiex jidhol gol-pompa tal-petrol il-vann skiddja fuq xi zejt li kien hemm mal-art.

L-imputat meta xehed f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-26 ta’ Novembru 2009 sostna li l-vann tieghu kien skiddja minhabba xi diesel li kien hemm mal-art u anki minhabba in-nida. Huwa qal ukoll li kien qed isuq bil-moghod ghaliex kien diehel fil-pompa tal-petrol.

Ikkunsidrat:

Illi f’dawn il-proceduri l-imputat jinsab akkuzat b’sewqan perikoluz u traskurat kif ukoll talli involontarjament ikkaguna feriti ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Anthony Gauci u hsarat kemm fil-vettura ta’ Gauci kif ukoll fil-vann

misjuq minnu stess u dan ghad-detriment ta’ Ivan Calleja li kien il-propjetarju tal-vann misjuq mill-imputat.

Il-Qorti jidrilha li mill-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni f’dan il-kaz jirrizulta li l-imputat kien qed isuq il-vettura tieghu b’manjiera traskurata u dan ghaliex huwa naqas milli josserva li kien hemm iz-zejt mal-art fil-pompa tal-petrol sabiex b’hekk skiddja u tilef il-kontroll tal-vettura tieghu u imbaghad baqa’ diehel fil-vettura wieqfa ta’ Anthony Gauci liema vetura marret lura u Anthony Gauci li kien wieqaf qed jimla l-vettura bil-fuel spicca ntlaqat mill-vettura tieghu stess u gie mtajjar mal-art fejn sofra griehi ta’ natura gravi izda mhux bil-konsegwenzi msemmija fl-Artikolu 218 tal-Kodici Kriminali (vide xhieda tal-istess Anthony Gauci kif ukoll ix-xhieda ta’ Dr. Mary Rose Cassar li xehdet waqt l-udjenza tal-20 ta’ April 2006). Il-Qorti jidrilha li s-sewqan tal-imputat kien traskurat ghaliex huwa kien jaf li diehel f’petrol station, post fejn huwa possibbli li jkun hemm xi petrol, zejt  tal-karozzi jew diesel mal-art, u ghalhekk kellu joqghod aktar attent ghal din l-eventwalita’ u jaccerta ruhu li jkollu kontroll tal-vettura tieghu f’dawn ic-cirkostanzi, haga li mill-provi rrizulta li huwa naqas milli jaghmel. Il-Qorti izda jidrilha li s-sewqan tal-imputat ma jistghax jitqies bhala perikoluz. Il-Qorti jidrilha li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tressaq provi lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat bhala konsegwenza ta’ sewqan traskurat ikkaguna griehi ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Anthony Gauci kif ukoll li bhala konsegwenza tal-istess traskuragni huwa kkaguna hsara fil-vann minnu misjuq u dan ghad-detriment ta’ Ivan Calleja u hsara fil-vettura propjeta’ ta Anthony Gauci.

Ghal finjiet ta’ piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-vittmi thallsu in toto tad-danni minnhom sofferti kif ukoll tal-fatt li kien hemm iz-zejt mal-art liema zejt kkontribwixxa sabiex isehh l-incident u ghalhekk jidrilha li fic-cirkostanzi m’ghandhiex timponi piena karcerarja effettiva jew sospiza izda li piena pekunjarja hija aktar adegwata fic-cirkostanzi.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 226(1)(b) u 328(c) tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-Artikolu 15(1)(a) tal-

Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti ssib lill-imputat hati tat-tieni(2), t-tielet(3), ir-raba’(4) u l-hames(5) akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah multa ta’ elf Ewro (€1,000). Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-ewwel(1) akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------